Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 489 / 2016

Il-Pulizja

Spettur Ian J. Abdilla

Vs

Etienne Zammit

Illum 27 ta' April, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Etienne Zammit detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 470678 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' Dicembru 2007 u fix-xhur u s-snin ta' qabel f' dawn il-Gzejjer b' diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. Appropja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna / i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu ( € 2329.37 ), ghad-dannu ta' R & G DVD Enterprises (Hal Qormi) u ta' Raymond Calleja u George Galea, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

2. Sar recidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

3. Kiser ukoll diversi ordnijiet ta' probation hekk kif ikkontemplat b' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrat (Malta].

Il-Qorti giet mitluba sabiex fll-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat / i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-17 t' Ottubru, 2016, fejn il-Qorti ghal dawn il-motivi, riedet tinfliggi piena fuq l-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet li taghhom kien instab hati. Fic-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti ma kellix triq ohra hlief li timponi piena karcerarja. Bhala piena l-Qorti hadet in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija f' dawk il-proceduri.

Illi inkwantu ghall-piena rigward l-akkuzi odjerni, din il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom instab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tieghu li hija wahda li tohloq preokkupazzjoni kbira ghal din il-Qorti. Jirrizulta li 1-imputat ghandu diversi kundanni kemm fuq pussess ta' droga, serq, falsifikazzjoni u frodi. Irrizulta li l-imputat inghata diversi opportunitajiet mill-Qrati taghna biex ifittex l-ghajnuna u jibdel hajjtu izda huwa ovvju li hu ghazel li jarmi dawn l-opportunitajiet. Ghalhekk din il-Qorti qieset li m' ghandhix alternattiva hlief li timponi piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 293, 294, 310[1] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u ikkundannatu 4 snin prigunerija.

In oltre, a tenur tal-Artikolu 23 (1) (a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, billi l-imputat instab hati tal-hdax l-imputazzjoni, u cioe li wettaq reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' zewg ordnijiet ta' probation tal-14 ta' Novembru, 2005 u tat-28 ta' Gunju, 2005 maghmula mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, trattat mieghu, ghall-imputazzjonijiet li dwarhom huwa kien tpogga taht tali ordnijiet daqs li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, kif gej:

Fir-rigward tal-ewwel sentenza, wara li rat it-Taqsima 4 u 6, l-Artikolu 22 (1) (a), 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292 / 1939), Legislazzjoni Sussidjarja 101. 02, ikkundannatu ghal sitt (6) xhur prigunerija u multa ta' sitt mitt Euro ( € 600 ).

Fir-rigward tat-tieni sentenza, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 261, 263 (a), 267, 268 (b), 269 (g), 278, 279 280, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Taqsima 4 u 6, l-Artikoli 22 (1) (a), 22 (2] (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292 / 1939), Legislazzjoni Sussidjarja 101. 02, u tal-artikoli 40 A u 120 (a) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu ghal sbatax (17) il-xahar prigunerija u hlas ta' tmien mitt Euro ( € 800 ).

Astjenit milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut u kif ukoll astjenit milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghall-konfiska tal-oggetti esebiti billi ma jirrizultawx li gew esebiti oggetti konfiskabbli skond il-ligi.

[1] Qabel l-emendi li sehhew bl-Att XXIV tal-2014

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Etienne Zammit, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-25 t' Ottubru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha trirrevoka s-sentenza fuq indikata tas-17 t' Ottubru, 2016 moghtija mill-Qorti tal-magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura billi tilliberah mill-akkuzi dedotti kontra tieghu u fin-nuqqas taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-fatt illi l-Ewwel Qorti ma ghamilt' x bir—rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Illi bir-rispett kollu l-unika prova li kien hemm hija ta' diversi sidien ta' hwienet ta' DVD li qalu li halsu lill-appellant, izda trid issir prova li l-appellant ma ghaddix il-flus lil Raymond Calleja. Kif qal ben tajjeb l-Ewwel Onorabbli Qorti l-appellant xehed u spjega li kien hemm kotba li sab fil-vettura li kien juza' ghat-tqassim ta' DVD' s. B' hekk wiehed irid jara jekk l-elementi kollha ta' misappropprijazzjoni jezistu. Fl-opinjoni ta' l-appellant ma kienx hemm l-elementi intenzjonali li jdawwar il-flus ghall-vantagg ghalih jew ghal haddiehor. Fil-fatt l-appellant jispjega li malli Raymond Calleja avvicinah wara li spicca jahdem minn mieghu hu qallu li ghandu xi kotba u kien ghadda kollox lis-Sur Calleja. Izda jidher li s-Sur Calleja kien in mala fede ghaliex l-akkuza lill-appellant hi ammonti differenti fosthom LM2O,000, u l-bank ma accettax li jsellef dan l-ammont. Fil-fatt fis-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kienetx konvinta li l-ammont li xehed fuqu Raymond Calleja kien wiehed reali u kienet xettika dwar kif inhadem l-ammont preciz. B' hekk fuq l-element l-aktar importanti dwar il-quantum ta' l-ammont mehud. L-Ewwel Qorti qalet li Raymond Calleja mhux kredibbli.

L-appellant jissottometti li r-rapport tas-Sur Calleja kien motivate minn profit u gwadann li seta' jaghmel jekk ikabbar l-entita' ta' problema civili billi jdawwarha fi kwistjoni Kriminali sabiex l-appellant ikollu pressjoni li jhallas somma ferm aktar milli dovuta.

Bir-rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti l-fatt li l-appellant ammetta li kellu jaghti lil Raymond Calleja ma jfissirx li wettaq xi reat. Irid jigi pprovat id-dolo u l-livell ghandu jkun 'l hinn minn kull dubju ragonevoli. Mill-provi prodotti l-appellant accetta li ghandu jaghti civilment lil Raymond Calleja, izda d-diskussjoni kienet il-quantum, haga li l-Ewwel Qorti ghazlet li wara li tara l-provi tiskarta dak li kien xehed bil-gurament Raymond Calleja. Fix-xhieda tieghu (a fol 451) l-appellant spjega dak li kien gara fejn halli kotba fil-vettura. Spjega li kien halla xi kotba fil-vettura u b' hekk dawk il-flus ma dawarhomx ghal vantagg tieghu. Ls-sistema li kienet qed tintuza jidher li kien cash basis u jidher li ma kienx hemm dokumentazzjoni bejn l-Appellant u Raymond Calleja meta l-Appellant ghadda l-flus li kien gabar mill-hwienet. B' hekk iddependa mill-onesta ta' Calleja kienu xehdu Raymond Calleja, John Caruana, Luke Agius, Brian Avellino, Abela Cavallaro, Victoria Micallef, Antoine Zahra u Alan Cassar, li xhedu li l-appellant kien jattendi hu l-hanut taghhom sabiex jikkonsenja d-DVD's u huma hallsuh bi flus kontanti. Fuq dan m' hemmx kontestazzjoni. Il-kontestazzjoni hi dwar jekk dawn il-flus kontanti kien' x ghaddiehom lil Raymond Calleja. Tajjeb li wiehed jghid li l-appellant hadem ma' Raymond Calleja bejn l-2004 u l-2007 u skont Calleja induna d-diskrepanza wara ;ii telaq. Haga importanti li kien l-appellant kien dahhal id-data ta' hlas fis-sistema (a fol 39) ***"Issa dawn il-karti kien idahhalhom hu"*** Calleja jghid ukoll li kien jaghti credit b' hekk minkejja l-appellant kien jaghti d-DVD' s ma kienx ihallas mill-ewwel. B' hekk jekk persuna kien jaministra s-sistema hu kien jaministra s-sistema hu ma jinqabadx li kien qed jaghmel misappropjazzjoni. F' dan il-kas ma jidhirx li kien il-kas. L-appellant qed jinsisti li kien ta 1-kotba kollha bi hlasijiet.

Illi ghar-rigward il-piena, l-appellant iqis li s-sentenza ta' prigunerija ta' 4 snin hija barra minn norma, specjalment meta wiehed iqis ic-cirkostanzi ta' dan il-kas principalment li l-parte civile mhux xhud kredibbli u jidher li qed jipprova japprofitta mis-sitwazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi l-lanjanza ewlenija imqanqla mill-appellanti hija dwar in-nuqqas ta' prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni ta' wiehed mill-elementi mehtiega sabiex jissussisti r-reat tal-misapproprjazzjoni u cioe' illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tipprova illi l-flus li gew migbura mill-appellanti ghad-DVDs li kien jikkonsenja lil diversi hwienet fuq struzzjonijiet tal-principal tieghu l-parti leza Raymond Calleja gew imdawwra bi profitt ghalih jew ghal haddiehor biex b'hekk allura l-element formali tar-reat huwa nieqes. Jishaq fil-fatt illi anke l-Ewwel Qorti hasset illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq provi konvincenti dwar il-*quantum* tal-flus allegatament mehuda indebitament mill-appellanti. Ukoll il-fatt illi l-appellanti ammetta li kellu jaghti xi flus lil parti leza ma iwassalx necessarjament ghal htija billi qabel xejn irid jigi ippruvat id-*dolo*, haga li ma tirrizultax mill-provi. Ghalkemm xehdu is-sidien tal-hwienet li huma kienu ihallsu fi flus kontanti jew Pervez ta' cekk lill-appellanti, u dan il-fatt ma kienx ikkontestat minnu, ma ifissirx necessarjament illi hu naqas milli ighaddi dawn il-flus lil parti leza li minn naha tieghu lanqas kien izomm il-konteggi kif suppost. Subordinatament jishaq illi l-piena ta' erba' snin prigunerija hija eccessiva fic-cirkostanzi tal-kaz.

Illi allura dak li qed tigi imsejha biex taghmel din il-Qorti huwa essenzjalment apprezzament mill-gdid tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti billi l-appellanti jidhirlu illi ma setax jinstab reita' ghar-reat lilu addebitat meta ma hemmx prova in atti lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-flus li kien jigbor ghad-DVDs li kien jikkonsenja f'diversi hwienet dawwarhom bi profitt ghalih innifsu. Issa din il-Qorti ezaminat l-atti mill-gdid u jirrizultawlha is-segwenti fatti mhux messi in kontestazzjoni:

1. Illi l-appellanti kien jahdem mas-socjeta R&G Enterprises bejn l-2004 u l-2007, fejn xogholu kien jikkonsisti filli iqassam id-DVDs lil diversi hwienet, klijenti tas-socjeta, jigbor il-hlas u jithallas *commission* skont kemm konsenji ikun ghamel.
2. Illi huwa ippruvat bid-diversi *invoices* li jinsabu esebieti in atti ghas-snin mill-2004 sal-2007, kif ukoll bix-xhieda tas-sidien ta' diversi hwienet fejn kienu isiru dawn il-konsenji, illi dawn kienu ihallsu direttament lill-appellanti.
3. Illi mid-Dokument RCX esebiet a fol. 222 tal-process jirrizulta illi l-appellanti accetta li kellu jaghti ammont ta' flus lill-parti leza in konnessjoni ma' flejjes li huwa kien irceva minn ghand dawn il-klijenti u li ma kienx ghadda lill-parti leza, ghalkemm l-ammont preciz ma kienx gie ikkwantifikat.
4. Illi l-parti leza bil-gurament tieghu u minn lista ikkompilata minnu isostni illi l-ammont dovut huwa ta' Lm9606, ghalkemm ma jispjegax kif sar l-ezercizzju minnu u lanqas titressaq bhala xhud il-persuna li assistietu biex ihejji din il-lista[2]. Annessa ma' din il-lista hemm esebieti l-*invoices* kollha fejn kien gie imhallas l-appellanti u li allegatament il-flus qatt ma gew mghodija lill-parti leza.
5. L-appellanti jallega illi huwa kien tilef il-kotba tal-*invoices* flimkien mal-hlasijiet li irceva u li kien ghalhekk li dawn ma gewx mghoddija lil parti leza u ezebixxa lista tal-konsenji u ta'l-ammont involut li kollha jirreferu ghas-sena 2007.

Illi anke jekk *gratia argomenti* din il-Qorti kellha temmen ix-xhieda ta'l-appellanti u d-dokumenti minnu esebieti xortawahda minn ezami ta' dawn id-dokumenti esebiti minn fol. 405 sa fol.503 ghad hemm diversi hlasijiet li saru lilu u li ma gewx mghoddija lill-parti leza fejn l-appellanti ma joffri l-ebda gustifikazzjoni. Kwindi l-Ewwel Qorti gustament qieset ix-xhieda ta'l-appellanti bhala wahda inattendibbli. Illi anke dak mistqarr minnu illi l-parti leza kien qed jitolbu s-somma ta' 20000 li ma jindikax jekk hux

[2] Dokument RC1

f'munita ta' liri Maltin jew ewro, madanakollu id-Dokument RCX li fuqha hemm il-firma tieghu stess jindika ammont ferm inqas fejn huwa intrabat li ihallas is-somma ta' Lm100 fix-xahar sakemm jigi saldat id-dejn. L-appellanti ma joffri l-ebda spjegazzjoni fil-kors tax-xhieda tieghu dwar dak li huwa ghamel bil-flus li kien irceva, ghajr illi ighid illi huwa kien tilef il-ktieb tar-ricevuti u li meta sabhom ghaddiehom lill-parti leza. Di piu' ix-xhieda tieghu hija kemmxejn konfuzjonarja fejn ma jaghtix spjegazzjoni cara ta' dak li kien isehh. Illi ghalhekk ghalkemm ma hemmx prova in atti li tindika x'ghamel bil-flus li irceva, madanakollu huwa bil-wisq evidenti illi l-appellanti zamm dawn il-flus ghalih u ma kienx f'posizzjoni iroddhom lura meta gie mitlub jaghmel dan biex b'hekk huwa indubitat illi dawn il-flus huwa approprja ruhu minnhom, zammhom ghalih u ghamilhom tieghu. Fil-fatt l-parti leza fil-kors tax-xhieda tieghu jikkontendi illi l-appellanti *a tempo vergine* kien stqarr mieghu illi l-flus ma kienx raddhomlu lura billi kellu ihallas xi djun lil terzi u ghalhekk uzhom ghal dan l-iskop. Ma hemmx dubbju ghalhekk illi l-appellanti iddispona mill-flus fdati lilu u kwindi r-reat jissussisti u dan l-aggravvju qed jigi respint.

Illi jifdal ghalhekk biex jigi trattat l-aggravju rigward il-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta l-appellanti iqies illi t-terminu ta' erba' snin prigunerija inflitta fuqu hija wahda eccessiva. Ma jidhirx illi l-appellanti iressaq ilment in konnessjoni mal-fatt illi l-Ewwel Qorti itrattat mieghu ghas-sentenzi tal-14 ta' Novembru 2005 u tat-28 ta' Gunju 2008 fejn huwa gie ikkundannat ghal perijodu ta' sitt xhur prigunerija u multa ta' €600, u sbatax-il xahar ohra prigunerija flimkien ma' multa ta' €800 rispettivament. Kwindi din il-Qorti sejra tezamina biss jekk it-terminu ta' erba snin prigunerija ghar-reat li tieghu l-appellanti gie misjub hati bl-addebitu ta' recidiva kenitx wahda eccessiva jew ahjar kif tghallem il-gurisprudenza u id-dottrina "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive.*

Issa l-piena stabbilita fit-termini ta'l-artikolu 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali ghar-reat tal-misapproprjazjoni, billi l-ammont misapproprjat f'dan il-kaz kien jeccedi l-ammont ta' €5000, hija dik tal-prigunerija bejn sentejn u

disgha snin. Issa huwa minnu illi l-appellanti huwa ukoll recidiv, izda din il-Qorti tqies illi f'uhud minnhom kienu gew applikati id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 446 fil-konfront tieghu u kwindi dawn ma setghux jittiehdu in konsiderazzjoni ai fini ta' recidiva u li fi kwalunkwe kaz l-Ewwel Qorti itrattat mieghu ghal ksur ta'l-istess meta huwa wehel piena ta' prigunerija u multa. Kwindi din il-Qorti tqies illi ghalkemm hemm kundanni ohra fil-konfront ta'l-appellanti, madanakollu bil-fakolta moghtiija lilha fl-artikolu 50, tqies illi l-piena ghal dan ir-reat ma ghandux jizdied ulterjorment tenut kont tal-fatt ukoll illi dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2007 u mill-fedina penali esebieta in atti mill-prosekuzzjoni ma jidhirx illi minn dak i-zmien 'il hawn kien hemm kundanni ohra fil-konfront ta'l-appellanti. Fic-cirkostanzi imsemmija allura hemm lok ghal temperament fil-piena u din il-Qorti ser tghaddi biex tvarja il-piena inflitta ghar-reat addebitat lill-appellanti f'dan il-kaz billi tapplika il-piena fil-minimum taghha.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tilqa' l-appell in parte billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellanti hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fejn allura l-Ewwel Qorti ukoll itrattat mieghu ghas-sentenzi tal-14 ta'Novembru 2005 u dik tat-28 ta' Gunju 2005 u allura tikkonferma l-piena inflitta ghal dawn iz-zewg sentenzi, tvarja il-piena inflitta ta' erba' snin priginerija u minflok tikkundannah ghal perijodu ta' sentejn prigunerija biex b'hekk b'kollox l-appellanti irid jiskonta il-piena ta' sebgha u erbghin xahar prigunerija u multa komplessiva ta' €1400.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur